Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 14 ta' Novembru 2024**

**Kump. Nru. 619/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Christina Delia**
**Spettur Ritienne Gauci)**

**Versus**

**-Omissis-**
**-Omissis-**
**-Omissis-**
**-Omissis-**
**-Omissis-**
**Joe Mark Mercieca**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **-Omissis-**, **-Omissis-**, **-Omissis-**, **-Omissis-**, **-Omissis-**, u **Joe Mark Mercieca**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14894M.

Akkuzati talli nhar l-24 ta' Jannar, 2023 u/jew fil-jiem u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

**Lil -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u Joe Mark Mercieca wahedhom:**

1. F'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, cioe' sigaretti u/jew prodotti ohra tat-tabakk, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom; liema prodotti tat-tabakk jiswew iktar minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37);

**Lil -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- wahedhom:**

2. Talli fil-lejl bejn il-15 u s-16 t'Ottubru, 2022, mill-imhazen ta' Charles Grech & Co. Ltd. fi Triq il-Furnara fiz-Zona Industrijali ta' l-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommettew serq ta' sigaretti u/jew prodotti ohra tat-tabakk u/jew xi oggetti ohra, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu tas-socjeta' Charles Grech & Co. Ltd. w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

**Lil -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- wahedhom:**

3. Talli sbieh it-13 ta' Jannar, 2023, u/jew fil-jiem ta' qabel, *u/jew wara l-istess data,* bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq mill-imhazen ta' Charles Grech & Co. Ltd. fi Triq il-Furnara fiz-Zona Industrijali ta' l-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ta' ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indeipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu tas-socjeta' Charles Grech & Co. Ltd. w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

**Lil -Omissis- u -Omissis- wahedhom:**

4. Talli sbieh is-17 ta' Jannar, 2023, mill-imhazen ta' Charles Grech & Co. Ltd. fi Triq il-Furnara fiz-Zona Industrijali ta' l-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommettew serq ta' sigaretti u/jew prodotti ohra tat-tabakk u/jew xi oggetti ohra, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu tas-socjeta'

Charles Grech & Co. Ltd. w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

**Lil -Omissis- wahdu:**

5. Talli nhar it-22 ta' Jannar, 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-akwati Tal-Handaq, fil-limiti ta' Hal-Qormi, ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni DAD267 minn fuq vettura tal-marka *Maruti 800*, liema serqa hija aggravata bix-xorta tal-haga misruqa, u li saret ghad-dannu ta' Mark Baldacchino u/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

6. Talli nhar it-22 ta' Jannar, 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, izda fis-17 ta' Jannar, 2023 u/jew wara dik id-data, f'dawn il-Gzejjer; ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni (DAD267) fuq vettura *Ford Transit* nru. IBP075 xort'ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari, dan bi ksur tal-Artiklu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6A. Talli fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Jannar 2023, minn Triq il-Passju, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vann Toyota Liteace, numru tar-registrazzjoni EAF 682, liema serqa hija aggravate bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Joseph Buttigieg u/jew ta' xi persuna/I ohra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

7. Talli nhar it-22 ta' Jannar, 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, izda fis-17 ta' Jannar, 2023 u/jew wara dik id-data, f'dawn il-Gzejjer saq vann *Ford Transit* (nru. IBP075) *u/jew vann Toyota Liteace, numru tar-registrazzjoni EAF682**, minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza (Art. 3(1)(1A)(2)(2A)(3) tal-Kapitolu 104)

8. Talli nhar it-22 ta' Jannar, 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, izda fis-17 ta' Jannar, 2023 u/jew wara dik id-data, f'dawn il-Gzejjer saq vettura bil-mutur, cioe' vann Ford Transit (nru. IBP075) minghajr ma kellu licenza valida (tat-triq) bi ksur ta' l-Artiklu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Talli nhar it-22 ta' Jannar, 2023, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.), datat 9 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: "*4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlusa mill-arrest*".

   Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 9 ta' Frar, 2016 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi **-Omissis-**. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' tmien t'elef Euro (€8,000), bhala garanzija personali, li giet imposta fuqu sabiex taghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.), datat 20 ta' Lulju, 2018, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: "*4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlusa mill-arrest*".

   Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 20 ta' Lulju, 2018 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi **-Omissis-**. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' tlett elef Euro (€3,000), bhala depozitu, hames t'elef Euro (€5,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Iktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D.), datat 4 ta' Dicembru, 2018, li permezz tiehu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: "*4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlusa mill-arrest*" u "*6. Li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod mhux izjed tard*

*mis-9.00p.m. ta' filghaxija u ma tohrogx minn hemm qabel is-6.00a.m. ta' l-ghada filghodu".*

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 4 ta' Dicembru, 2018 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi **-Omissis-**. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u ghaxar t'elef Euro (€10,000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.), datat 25 t'Ottubru, 2022, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: "*4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlusa mill-arrest*" u "*6. Li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod mhux izjed tard mis-8p.m. ta' filghaxija u ma tohrogx minn hemm qabel is-5a.m. ta' l-ghada filghodu".*

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 25 t'Ottubru, 2022 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi **-Omissis-.** Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' hames t'elef Euro (€5,000) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u hmistax-il elf Euro (€15,000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil **-Omissis-** wahdu nakkuzawh ukoll talli fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Jannar, 2023, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

13. Naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.), datat 27 ta' Lulju, 2020, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: "*4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlusa mill-arrest*".

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 27 ta' Lulju, 2020 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi **-Omissis-**. Kif ukoll, li tordna li s-somma t'elf Euro (€1,000), bhala depozitu u tmien t'elef Euro (€8,000) garanzija personali, li giet imposta fuqu sabiex taghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. Naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D.), datat 12 t' Awwissu, 2020, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: "*4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlusa mill-arrest*" u "6. *Li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod mhux izjed tard mis-9p.m. ta' filghaxija u ma tohrogx minn hemm qabel is-7a.m. ta' l-ghada filghodu*."

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 12* t'Awwissu, 2020 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi **-Omissis-**. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' tmien mitt Euro (€800), bhala depozitu, u ghaxar t'elef Euro (€10,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. Naqas milli jhares il-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef, l-Onor. Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., datat 18 ta' Settembru, 2018 kif, sussegwentement, emendat nhar it-30 t'Ottubru, 2018, li bih huwa nghata il-helsien mill-arrest taht garanziji idonji;

16. Naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D.), datat 14 ta' Settembru, 2022, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: "*4. li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlusa mill-*

*arrest*" u "6. *Li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod mhux izjed tard mis-7.30p.m. ta' filghaxija u ma tohrogx minn hemm qabel is-8a.m. ta' l-ghada filghodu*."

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 14 ta' Settembru, 2022 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi **-Omissis-**. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), bhala depozitu, u hmistax-il elf Euro (€15,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Lil Joe Mark Mercieca wahdu:**

17. Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi, talli fl-24 ta' Jannar, 2023, gewwa il-hanut *JoeMark Snack Bar & Take-away* ta' Triq ix-Xghajra kantuniera ma Triq il-Kunvent, Zabbar, kif ukoll gewwa il-vettura tal-ghamla Suzuki Swift bin-numru tar-registrazzjoni ACT509, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, kif ukoll laqa' ghandu, zamm jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, habi jew depozitu ta' sigaretti kif deskritti hawn taht. Dan bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazju u Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti.

Sigaretti li nstabu gewwa l-hanut *JoeMark Snack Bar & Take-away:*
Tlett (3) pakketti b'ghoxrin (20) sigarett kull pakkett – *Benson & Hedges Silver*
Sigaretti li nstabu fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ACT509:
Pakkett b'ghoxrin (20) sigarett – *Benson & Hedges Silver*

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom Valur totali ta' €2.16, Dazju tas-Sisa dovut ta' €13.20, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud (*V.A.T.)* li jammonta ghal €2.76, liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur tal-Artikli 60 (1) (b) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), 68 (1) u 69 (1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37; kif ukoll tal-Artikli 16 (1) (j)

(n), 17 (1) (a) (d) (2) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap. 382, tal-Ligijiet ta' Malta

**Lil -Omissis-, -Omissis- u Joe Mark Mercieca flimkien:**

18. Talli irrendew irwiehom recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u, fil-kaz ta' **-Omissis-** biss, ai termini ta' l-Artiklu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll, b'sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2024 l-imputat Joe Mark Mercieca irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonjiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet t-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-partijiet qablu li l-piena m'ghandhiex tkun wahda karcerarja stante li l-imputat kien diga' hallas il-multa idonea.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 60(1)(b)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 69(1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, kif ukoll Artikolu 16(1)(j)(n), 17(1)(a)(d)(2) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa Kapitolu 382 u Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Joe Mark Mercieca hati t'akkuza numru sbatax (17) u tmintax (18) migjuba fil-konfront tieghu** u **bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, **qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.**

Illi ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**